

PROCĊDURI GĦALL-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-
KOMPETIZZJONI

KUMMISSJONI

Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Każ COMP/M.4945 — Arcelor/OFZ)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għall-proċedura simplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2008/C 24/07)

1. Fil-21 ta' Jannar 2008, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' proposta għal konċentrazzjoni skond l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ⁽¹⁾ u skond referenza għall-Artikolu 4(5) ta' dan ir-Regolament, li permezz tagħha l-impriża Arcelor Netherlands B.V. ("Arcelor", l-Olanda) sussidjarja li hija kompletament proprjetà ta' ArcelorMittal (Lussemburgu) takkwista fl-ambitu tat-tifsira ta' l-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament tal-Kunsill il-kontroll kollu tal-kummerċ relatat mal-ferrolegi ta' OFZ, a.s. ("OFZ", is-Slovakja) permezz ta' trasferiment ta' l-ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali ta' l-impriżi kkonċernati huma:

— għal Arcelor: kumpanija globali ta' l-azzar li tipproduċi u tiddistribwixxi prodotti varji ta' l-azzar,

— għal OFZ: manifattura ta' prodotti tal-ferrolegi u prodotti sekondarji.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni sabet li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fl-ambitu tar-Regolament (KEE) Nru 139/2004. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata. Skond in-Notifika tal-Kummissjoni dwar proċedura simplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet taħt ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ⁽²⁾ għandu jiġi nnotat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għat-trattament taħt il-proċedura stipulata fin-Notifika.

4. Il-Kummissjoni tistieden lill-partijiet terzi interessati sabiex iressqu l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta lill-Kummissjoni.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni bil-faks (nru tal-faks (32-2) 296 43 01 jew 296 72 44) jew bil-posta, taħt in-numru ta' referenza COMP/M.4945 — Arcelor/OFZ, fl-indirizz li ġej:

Kummissjoni Ewropea
Direttorat Ġenerali għall-Kompetizzjoni
Reġistru ta' l-Amalgamazzonijiet
J-70
B-1049 Brussel

⁽¹⁾ ĠUL 24, 29.1.2004, p. 1.

⁽²⁾ ĠUC 56, 5.3.2005, p. 32.